**24 ta' Jannar, 1964**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., Pres.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

John, Joseph u Maurice aħwa Mizzi

*versus*

Paul Galea

**Nullita' ta' Appell — L-Appellant Assenti mill Gżejjer meta Ppresenta l-Petizzjoni ta' l-Appell**

*Dejjem ġie ritenut li kemm jista jkun l-atti għandhom jiġu salvati anzikke annullati jew dikjarati nulli. Għalhekk l-assenza temporanea ta' l-appellant ma tirrendix nulla l-petizzjoni presentata f'ismu fl-assenza tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex jieħdu lura l-fond, garage 30/31 New Street, Msida, mikri lill-intimat, billi dana huwa morus fil-ħlas skond il-liġi.

Rat ir-risposta tal-intimat illi huwa ma jistax jiġi kunsidrat morus billi kien kreditur tar-rikorrenti, u fi kwalunkwe każ il-morosita riedet tiġi pruvata.

Rat id-deċiżżjoni tal-Bord tat-tlieta (3) ta' Diċembru, 1963 li biha laqa t-talba bl-ispejjeż u ta' xahar żmien għall-iżgumbrament wara li-kkunsidra.

*Omissis;*

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Galea appella minn dik id-deċiżżjoni u talab li tiġi revokata u t-talba ta' l-appellati

tiġi mićħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

L-aggravvju prinċipali ta' l-appellant hu illi m'hemm il-morożita għaliex il-kera kien jitħallas bis-sena u m kienx hemm żewġ interpellazzjonijiet għal żewġ skadenza ta' sena l-waħda.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment hu fondat. Għad illi hu veru illi mill-librett tal-kera eżibit fil-kawża l-oħra kien jidher illi l-kera kien jitħallas bis-sitt xhur, dak il-librett jirriferixxi għall-kerrej ta' qabel, Addeodato Scicluna u għall-epoka li spiċċat fil-wieħed u tlettin (31) ta' Lulju, 1952. Issa pero ġie eżibit librett ieħor tal-kera li l-appellant ħalef li sab wara d-deċiżżjoni tal-Bord, li juri illi minn mindu l-kiri ħadu l-appellant il-kera dejjem tħallas bis-sena. Anki minn mindu l-fond akkwistawh l-appellati, il-ħlas tal Kera lilhom dejjem sar bis-sena, kif f'din il-kawża stess xehed l-accountant tagħhom Charles Flaherty, li in kontroezami qal "Il-kera dejjem ħallasni bis-sena". L-istess irċevuta eżibita minn Flaherty ukoll għall-sena mill-ewwel (1) ta' Awwissu, 1959 sa l-wieħed u tlettin (31) ta' Lulju 1960.

Ġa la darba dan hu hekk m'hemmx il-morożita kontemplata mil-liġi u m'hemmx għalfejn jiġu kunsidrat l-aggravji l-oħra dedotti mill-appellant.

Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi billi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tilqa' l-appell, tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tiċħad it-talba ta' l-appellati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.